

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI Nru 1/2016 TAL-KUMITAT KONĠUNT GĦALL-AGRIKOLTURA

tas-16 ta' Novembru 2016

dwar l-emenda tal-Anness 10 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli [2017/51]

IL-KUMITAT KONĠUNT GĦALL-AGRIKOLTURA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli, u b'mod partikulari l-Artikolu 11 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002.
- (2) L-Anness 10 tal-Ftehim jikkonċerna r-rikonoxximent tal-kontrolli ta' konformità għall-frott u l-ħxejjex friski mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni.
- (3) Skont l-Artikolu 6 tal-Anness 10 tal-Ftehim, il-grupp ta' ħidma għall-frott u l-ħxejjex jikkunsidra kull kwistjoni li hija marbuta mal-anness u l-implimentazzjoni tagħha u minn żmien għal żmien jeżamina l-liġijiet u r-regolamenti interni tal-Partijiet fl-oqsma koperti f'dak l-anness. B'mod partikolari, il-grupp ta' ħidma jressaq proposti lill-Kumitat bl-għan li jiġu adattati u aġġornati l-appendiċijiet tal-istess anness. Għaldaqstant, il-grupp ta' ħidma ppropona lill-Kumitat li dan l-anness jiġi emendat, sabiex fil-kamp ta' applikazzjoni jiddaħħal il-frott taċ-ċitru, wara r-rikonoxximent tar-regoli fitosanitarji għal dan it-tip ta' prodott. Barra minn hekk, it-test tal-Anness 10 għandu jirrifletti l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.
- (4) Għalhekk, l-Anness 10 għandu jiġi emendat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tal-Anness 10 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli għandu jinbidel bit-test li ġej:

"Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Dan l-Anness għandu japplika għall-frott u l-ħxejjex li jittieklu friski jew imnixxfen, li dwarhom ġew stabbiliti jew rikonoxxuti standards ta' kummerċjalizzazzjoni mill-Unjoni Ewropea bħala alternattivi għall-istandard ġenerali skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(* Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671)."

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2017.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Novembru 2016.

Għall-Kumitat Konġunt għall-Agrikoltura

*Il-President u l-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni
Ewropea*

Susana MARAZUELA-AZPIROZ

Il-Kap tad-Delegazzjoni Żvizzera

Krisztina BENDE

Is-Segretarju tal-Kumitat

Ioannis VIRVILIS
